MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 213/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet kienu kkuntrattaw separazzjoni konsenswali permezz ta’ att ippubblikat min-Nutar Dr. Peter Fleri Soler fis-27 ta’ Gunju 1995;

Illi skond dan il-kuntratt kellu jaghti lill-intimata Lm30 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha u ghal uliedhom u cioe’ Lm15 ghall-intimata u Lm15 ghat-tfal;

Illi r-rikorrenti, fil-fatt, ma jahdimx u ghalhekk m'ghandux introjtu hlief ghall-ghajnuna socjali;

Illi r-rikorrent ha ukoll kura psikjatrika;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tirriduci r-rata tal-alimenti dovuta lill-intimata u lit-tifel minuri ghal dik ir-rata li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C B, li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-risposta guramentata ta' C B fejn din eccepiet:

Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur, bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mill-attur rikorrenti, hu qieghed jahdem bi qliegh, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-allegazzjonijiet li qed iqajjem l-attur rikorrenti huma ghal kollox inveritiera u fiergha, u qed isiru minnu sabiex jahrab mill-obbligu u dmir tieghu li jivversa manteniment ghall-martu l-konvenuta u ghal uliedu.

Illi konsegwentement, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, l-attur qed jitlob lill-Qorti tirriduci l-ammont ta’ manteniment li kien obbliga ruhu li jhallas lil martu f’kuntratt tas-separazzjoni fl-1995.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-attur m’huwiex qieghed fis-sitwazzjoni finanzjarja mweghra li jghid li qieghed fiha.

Huwa jallega li ma jistax ikollu mpieg minhabba s-sitwazzjoni psikjatrika tieghu. Il-Qorti tinnota li, ghalkemm il-psikjatra effettivament iccertifika dan, il-Bord ufficjali tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali cahdu t-talba tal-attur ghall-“boarding out”. Fil-fatt, kien hemm ukoll rapport investigattiv mill-Benefit Fraud and Investigation Directorate li kien wassal ghat-twaqqif ta’ kull beneficcju u talba ghar-rifuzjoni. Dan kollu gie konfermat bil-gurament minn George Cremona, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali (fol. 317).

Jirrizulta wkoll illi l-attur jospita studenti barranin ghall-iskola Inlingua. Dokumentazzjoni prodotti turi li fis-sena 2007 qala’ aktar minn elfejn Lira Maltin minn din l-attivita’.

Tul dawn l-ahhar snin, jirrizulta wkoll illi l-attur biegh u xtara proprjeta’, dejjem bi qliegh. Infatti l-ahhar proprjeta’ mixtrija thallset kwazi kollha fi flus kontanti. Jirrizulta illi fis-sena 2008, l-attur ghamel qliegh minn bejgh ta’ proprjeta’ wahda fl-ammont ta’ €30,000. Il-Qorti ma taccettax l-ispjegazzjonijiet fjakki tal-attur rigward x’sar mill-qliegh. Minbarra d-dar li jghix fiha, l-attur huwa proprjetarju wkoll ta’ bicca art.

Lanqas ma temmen il-Qorti dak li jghid l-attur ghar-rigward ta’ l-allegazzjoni li, meta jmur ma’ siehbu bit-tilar tal-hot dogs fil-festi, dan jaghmlu biss biex jghaddi z-zmien.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-fatt li l-attur qed jittenta jwaqqaf il-manteniment lil martu, li qieghda ssostni tifel li, ghalkemm maggorenni ghadu jistudja meta ghar-rigward tal-iben tar-relazzjoni tieghu barra z-zwieg, huwa jhallas skola privata indipendenti fl-ammont ta’ mill-anqas sitt mitt Lira fis-sena.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------